

membru ta' grupp stabbilit fi Stat Membru ieħor, minn ebda kumpannija tal-grupp, u mhux biss mill-kumpannija li takk-wista l-proprietà materjali permezz ta' dan il-finanzjament, u li tużah fil-Belġju għall-eżerċizzju tal-attività professjonalni tagħha?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-11 ta' Jannar 2011 — Société Air France S.A. vs Heinz-Gerke Folkerts u Luz-Tereża Folkerts

(**Kawża C-11/11**)

(2011/C 95/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Société Air France S.A.

Konvenuti: Heinz-Gerke Folkerts, Luz-Tereża Folkerts

Domandi preliminari

- (1) Passaggier ta' titjira għandu d-dritt għal kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każi li ma jitħallew x-jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjuriet, u li li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 295/91⁽¹⁾, fkaż ta' dewmien fit-tluq iqqsar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament, iżda ta' wasla fid-destinazzjoni finali b'dewmien ta' għall-inqas tliet siġħat iktar mill-ħin tal-wasla skedat?
- (2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

Sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm dewmien, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 261/2004, fkaż ta' titjira li tħinvoli diversi waqtiet, għandu jsir riferiment għall-waqtiet individwali jew għad-distanza sad-destinazzjoni finali?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Portugall) fil-11 ta' Jannar 2011 — Maria das Dores Meira da Silva vs Zurich — Companhia de Seguros S.A.

(**Kawża C-13/11**)

(2011/C 95/08)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação de Guimarães

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Maria das Dores Meira da Silva

Konvenuta: Zurich — Companhia de Seguros SA

Domandi preliminari

- (1) Finċidant tat-traffiku li jinvolvi vettura bil-mutur u persuna li tkun qiegħda taqṣam it-triq bil-mixi, li minnu tirriżulta ħsara fiżika u materjali lil din tal-aħħar, l-esklużjoni ta' kumpens għal dawn id-danni jekk l-inċidēnt kien tort tal-imġibha tal-persuna li tkun qiegħda timxi, skont l-interpretazzjoni mogħtija lill-Artikoli 505 u 570 tal-Kodiċi Ċivili Portugiż, tmur kontra d-dritt Kommunitarju, b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva 72/166/KEE⁽¹⁾, l-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva 84/5/KEE⁽²⁾ u l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva 90/232/KEE⁽³⁾, introdott bl-Artikolu 4 tal-Ħames Direttiva 2005/14/KE⁽⁴⁾ — direttivi li kolha jirrigwardaw l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur fit-triq — fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna cċirkustanzi li fihom huwa possibbli li teskludi kumpens skont l-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà li tirriżulta mill-użu tal-vetturi bil-mutur fit-triq?
- (2) Fil-każi ta' risposta fl-affermattiv, jiġifieri jekk din l-esklużjoni ta' kumpens tmur kontra d-dritt Kommunitarju, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet icċittati tal-Kodiċi Ċivili Portugiż li l-kumpens għandu jiġi limitat jew jitnaqqas meta tieħu inkunsiderazzjoni t-tort tal-persuna li qiegħda timxi, minn naħħa, u r-riskju inerenti tal-vettura bil-mutur, min-naħħa l-oħra, fkaż ta' inċidēnt, hija konformi mad-direttivi Kommunitarji ċċitat iktar 'il fuq?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liggijet tal-Istati Membri li għandhom x-jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10).

⁽²⁾ It-Tieni Direttiva tal-Kunsill, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liggijet tal-Istati Membri li għandhom x-jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3).

⁽³⁾ It-Tielet Direttiva tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liggijet tal-Istati Membri li għandhom x-jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU L-149, p. 14).